**Ruling mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 39 tas-26 ta' Ġunju 2013**

Fis-Seduta Nru 35 tal-25 ta' Ġunju 2013, l-Onor. Jason Azzopardi ressaq ksur ta' privileġġ b'referenza għall-mistoqsija parlamentari tiegħu numru 889 lill-Prim Ministru. Huwa rrefera għat-tweġiba li kienet taqra hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-awtorità għandha żewġ ħaddiema li jinsabu sospiżi, wieħed ilu kważi 10 snin u l-ieħor xahrejn u nofs."

Dwar din it-tweġiba l-Onor. Azzopardi qiegħed iqajjem każ ta' ksur ta' privileġġ li skont hu, huwa msejjes fuq il-Kap 113 tal-Liġijiet ta' Malta, senjament l-artikolu 11, subinċiż (4), paragrafu (i) li jgħid hekk:

> "Kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat."

L-Onor. Jason Azzopardi żied jgħid:

> "Għaliex il-persuna – u dalgħodu kienet l-ewwel opportunità li stajt nagħmel dawn il-verifiki – li ssemmiet fit-tweġiba, li ngħad li ilu kważi għaxar snin sospiż, jirriżulta – u dan stajt nivverifikah dalgħodu mill-Qorti – li kien fis-17 ta' April 2013, jiġifieri ħmistax qabel m'għamilt l-interpellanza, li ġie lliberat mill-Qorti tal-Maġistrati sedenti, il-Maġistrat Mizzi. U kien dalgħodu biss li stajt nivverifika li l-Public Service Commission, neħħiet is-sospensjoni tiegħu b'effett mit-3 ta' Ġunju 2013. It-tweġiba li ngħatat ilbieraħ fil-ħin tal-mistoqsijiet, bħala ħin kien is-6.25pm jew is-6.24pm. Dan ifisser li kien umanament u fiżikament impossibbli għas-sottoskritt jew għal xi ħadd minn din il-Kamra li jivverifika l-veraċità, il-korrettezza tal-fatti. Mela allura l-ewwel opportunità kienet dalgħodu u qed ngħid x'għamilt, ivverifikajt mal-Qorti u vverrifikajt banda oħra."

L-Onor. Azzopardi jkompli jgħid li:

> "Ġaladarba jirriżulta mhux xi ħaġa li tista' tkun kontradetta li ċirkolari tal-PSC mibgħuta lid-Director Planning tal-MEPA, nru DIS/OPM/PAHRO/267584/1 fil-11 ta' Ġunju 2013, ħaġa li stajt nikkonstata dalgħodu biss u mhux ilbieraħ fis-6.25pm, qed nitlob allura, Sur President, li din is-Sedja tinvestiga dan il-każ ta' ksur ta' privileġġ minħabba l-każ li semmejt."

Wara li tqajjem dan il-ksur ta' privileġġ l-Onor. Joe Mizzi qajjem *point of order* fejn qal li dan il-każ ta' ksur ta' privileġġ kellu jitqajjem waqt il-ħin tal-mistoqsijiet tas-seduta tal-24 ta' Ġunju 2013 għaliex dik kienet l-ewwel opportunità meta seta' jitqajjem.

L-Onor. Michael Farrugia talab lis-Sedja biex fl-investigazzjonijiet tagħha tinvestiga "wkoll meta saret il-mistoqsija, ir-risposta li kienet lesta fi żmien tlett ijiem wara u attwalment iċ-ċirkostanzi minn dakinhar sal-lum kif kienu nbidlu".

Kien hawn li l-Onor. Mizzi qal li huwa kien talab *ruling* u qal:

> "Issa r-*ruling* li tlabt jien li ovvjament suppost ingħata r-*ruling* għal dak li tlabt jien għax torbot x'tagħmel wara, jekk l-oħra taċċettahiex jew le, għalkemm jien ħallejt biex jagħtu spjegazzjoni kif għedt inti, però llum il-kollega tiegħi qal ċar u tond għax hu ma setax iressaqha l-bieraħ. Ir-regolamenti mhux hekk jgħidu."

L-Onor. Emanuel Mallia talab lis-Sedja biex jagħmel osservazzjoni fejn qal hekk:

> "... sa fejn naf jien l-Onor. Azzopardi lanqas kien hawn f'dak il-mument li jien ukoll intervjenejt il-bieraħ u tajt is-sitwazzjoni kif kienet."

Hawnhekk ukoll l-Onor. David Agius talab lis-Sedja biex tisma' s-seduta tal-24 ta' Ġunju 2013:

> "... il-parti fejn hemm id-domandi; għal darba, darbtejn, tlieta, anke jien tlabt lis-Segretarju Parlamentari jikkonferma jekk l-informazzjoni li għandu hijiex korretta jew le."

L-Onor. Agius għalhekk talab li s-Sedja tikkonsidra dan kollu fir-*ruling* li għandha tagħti dwar l-allegat ksur ta' privileġġ li qajjem l-Onor. Jason Azzopardi.

Hawnhekk is-Sedja informat lill-partijiet li hija se tara u teżamina kollox qabel tagħti r-*ruling* tagħha.

Għandu jibda jingħad minnufih li fejn jidħlu kwestjonijiet ta' privileġġ l-ordni permanenti tal-Kamra nru 36 jgħid hekk:

> "36. Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.
>
> Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku."

M'hemmx dubju li din il-kwestjoni qamet dwar xi ħaġa li saret waqt seduta parlamentari u ċjoè dik tal-24 ta' Ġunju 2013 meta ġiet intavolata d-domanda parlamentari nru 889 tal-Onor. Jason Azzopardi li tikkonċerna impjegati sospiżi fil-MEPA, li saret lill-Prim Ministru Joseph Muscat, u li għaliha ingħatat risposta mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Michael Farrugia, u dan kif jirriżulta mill-istess traskrizzjoni tal-istess risposta.

Irid jingħad ukoll li meta saret id-domanda, din saret mill-Onor. David Agius għan-nom tal-istess Onor. Jason Azzopardi, peress li dak il-ħin l-Onor. Azzopardi ma kienx preżenti fil-Kamra.

Qabel ma s-Sedja se tittratta l-kontenut tar-risposti li ngħataw għad-domanda oriġinali u għad-domandi supplimentari li saru sussegwentement mill-Onor. David Agius, is-Sedja se tidħol fuq l-interpretazzjoni tal-ordni permanenti numru 36 li għadu kif ġie ċitat.

Diversi *rulings* li taw *speakers* preċedenti fuq din il-materja huma kollha koerenti, anke fl-ispirtu ta' dak li dejjem irreteniet l-istess House of Commons Ingliża, li meta titqajjem kwestjoni dwar ksur ta' privileġġ, din għandha titqajjem fl-ewwel opportunità. Nikkwota mir-*ruling* tal-iSpeaker Lawrence Gonzi li ngħata fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 1992 fejn fid-deċiżjoni tiegħu dwar ksur ta' privileġġ, qal hekk:

> "Skont l-ordni permanenti 36 l-ewwel opportunità biex jitressaq dan il-każ kienet dakinhar li ngħatat it-tweġiba, u għalhekk il-kwestjoni ma setgħetx titqanqal fis-Seduta tal-Erbgħa 7 ta' Ottubru. Għalhekk il-mozzjoni ma tistax titressaq."

Dan kien każ li tressaq mill-Onor. George Vella rigward risposta għal mistoqsija parlamentari nru 4728 mogħtija mill-Ministru għall-Ambjent fis-Seduta tal-5 ta' Ottubru tal-istess sena.

L-istess direzzjoni ttieħdet fir-*ruling* mogħti mill-i*Speaker* Louis Galea fis-Seduta tat-30 ta' Novembru 2009 li wkoll kien jittratta mistoqsijiet parlamentari u żgwidar tal-Kamra.

F'pubblikazzjoni tal-*Hansard*, fejn jitkellem ukoll fuq *parliamentary questions* (*question of privilege)*, f'Volum 614, paġni 1185-1194, hemm ċar li meta jitqajjem Ksur ta' Privileġġ wara risposti ta' domandi parlamentari, dan għandu jsir minnufih li jispiċċaw id-domanda u r-risposta jew il-*question time*. Din hi konsonanti anke mal-interpretazzjoni tal-ordni permanenti nru 36 ta' din il-Kamra tad-Deputati. Għalhekk din il-kwistjoni li qajjem l-Onor. Jason Azzopardi dwar allegat Ksur ta' Privileġġ kellha titqajjem fis-seduta tal-istess ġurnata, cjoè tal-24 ta' Ġunju 2013.

Is-Sedja semgħet dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi fejn huwa spjega li kien ġab l-informazzjoni proprju wara li ngħatat ir-risposta parlamentari. Huwa bbaża l-pożizzjoni tiegħu, li jressaq Ksur ta' Privileġġ, fuq Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta, preċiżament artiklu 11 subinċiż (4), paragrafu (i) li jgħid:

> "Kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat".

L-istess Onor. Jason Azzopardi kompla jgħid li l-persuna fil-każ in eżami kienet ġiet liberata mill-Qorti tal-Maġistrati fis-17 ta' April 2013, jiġifieri ħmistax-il ġurnata qabel ma saret l-interpellanza. Huwa żied jgħid li kien "dalgħodu stess", jiġifieri l-bieraħ 25 ta' Ġunju 2013, li seta' jivverifika mal-Public Service Commission, li s-sospensjoni ta' din il-persuna kienet tneħħiet fit-3 ta' Ġunju, 2013.

Din is-Sedja xorta tħoss li għandha teżamina dak kollu li sar u li ntqal fis-Seduta tal-24 ta' Ġunju meta ġiet intavolata d-domanda parlamentari tal-Onor. Jason Azzopardi li saret għan-nom tiegħu mill-Onor. David Agius u minn hemmhekk tara jekk hemmx il-possibilità ta' *prima facie* każ ksur ta' privileġġ għall-fini ta' dak li rrefera għalih l-Onor. Jason Azzopardi.

Is-Sedja eżaminat dak li sar fis-Seduta tal-24 ta' Ġunju2013, meta ġiet intavolata d-domanda mill-Onor. David Agius f'isem l-Onor. Jason Azzopardi, u l-Onor. Michael Farrugia, Segretarju Parlamentari, irrisponda f'isem il-Prim Ministru, li ma kienx preżenti fil-bini tal-Parlament meta ngħatat ir-risposta.

Għal domanda supplimentari li saret mill-Onor. David Agius l-Onor. Michael Farrugia rrisponda, "Dik hi l-informazzjoni li għandi". Meta mbagħad l-Onor. David Agius reġa' staqsa domanda supplimentari, u nikkwota,

> "Ir-risposta hija li ħaddiem jinsab sospiż - jekk qed nifhem tajjeb - għax għandu każ il-Qorti Kriminali. Jekk kemm-il darba hemm dan il-każ fil-Qorti, wieqaf, spiċċa jew għadu għaddej? Din hi l-mistoqsija tiegħi."

Hawnhekk l-Onor. Michael Farrugia reġa' rrisponda:

> "Jekk tkun trid risposta eżatta għamilhieli bil-miktub u nirrispondihielek, biss ladarba hu għadu sospiż jiena qed nifhem li l-kawża għadha għaddejja."

Hawnhekk l-Onor. David Agius reġa' intervjena u qal:

> "Naħseb li xi mkien għandna xi ħaga *che non vale*. Ħa nkun ċar; ir-risposta tas-Segretarju Parlamentari hija li l-Awtorità għandha żewġ ħaddiema li jinsabu sospiżi. Qed nifhem li dawn huma sospiżi sal-lum għaliex il-każ għadu għaddej il-Qorti minħabba affarijiet kriminali. Qed nistaqsi b'mod ċar, sal-lum il-ġurnata - jiġifieri llum! - din il-persuna, il-każ tagħha nqata' mill-Qorti jew għadu għaddej?"

Hawnhekk Il-Ministru Emanuel Mallia daħal fid-dibattitu u qal hekk:

> "Jien qed nimmaġina li dan il-każ naf liema hu għar-raġuni li meta kont fil-professjoni naħseb li kont l-avukat jien. Wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni però li dan il-każ ġie deċiż reċentement imma jista' jkun ukoll li hemm iż-żmien tal-appell li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni, biex wieħed jara jekk hux se jiġi intavolat appell jew le."

Prattikament dawn kienu d-domandi supplimentari li għamel l-Onor. David Agius wara d-domanda oriġinali u r-risposti li ngħataw mis-Segretarju Parlamentari Michael Farrugia u wkoll mill-Ministru Emanuel Mallia.

Is-Sedja se tirreferi minnufih għal dak li dejjem irriteniet il-House of Commons fejn għandhom x'jaqsmu l-mistoqsijiet parlamentari u jekk ikunx il-każ li jkun hemm ksur ta' privileġġ, taħt id-definizzjoni ta' "*deliberately misleading the House*". F'*rulings* li ngħataw f'parlamenti tal-Commonwealth anke reċentement abbażi ta' dik li dejjem kienet il-*practice* tal-House of Commons ġie ritenut li, u nikkwota:

> *"Only where a member can be assumed to have personal knowledge rather than knowledge by way of his or her official capacity and makes the statement in a situation of some formality, can a presumption of intention to mislead arise."*

Hawn joħroġ ċar li ladarba fil-każ in eżami s-Segretarju Parlamentari kien qed jibbaża r-risposta tiegħu fuq ir-rapport jew l-informazzjoni uffiċjali mgħoddija lilu, allura hemmhekk m'hemmx ksur ta' privileġġ. Fil-fatt ġie ritenut

*"that this is a long standing practice and it is based on House of Commons practice".*

Hawnhekk is-Sedja qed tagħmel referenza għal deċiżjoni li ngħatat f'Marzu 2013 fil-Parlament ta' New Zealand, u rapportata fil-*Hansard and Journals,* Vol. 688, pġ. 8896. Tant is-Segretarju Parlamentari kien qed jibbaża l-informazzjoni fuq dak li ġie mgħoddi lilu, u ma kienx qed jagħmel kummenti hu fuq ħsibijiet jew intenzjonijiet tiegħu dwar dik l-informazzjoni, li effettivament meta kienu qed isirulu diversi domandi supplimentari dwar il-persuna in kwestjoni mill-Onor. David Agius, l-istess Onor. Michael Farrugia, f'waħda mir-risposti tiegħu qal illi, u nikkwota:

> "Jekk tkun trid risposta eżatta, agħmilhieli bil-miktub u nirrispondik. Biss ladarba hu għadu sospiż jien qed nifhem li l-kawża għadha għaddejja."

L-informazzjoni li kien qed jibbaża fuqha l-Onor. Michael Farrugia kienet informazzjoni li ġiet mgħoddija lilu u għalhekk kien qed jistrieħ fuq l-informazzjoni li ġiet mgħoddija lilu b'mod uffiċjali u ma kien qed jagħmel l-ebda referenza u kummenti hu personali. In fatti hawn lanqas għandna l-każ fejn ġie ppreżentat xi dokument, kif hemm indikat f'artiklu 11 (4)(i) ta' Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta, li saret referenza għalih mill-Onor. Azzopardi meta talab li din il-Kamra teżamina jekk hemmx każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ, għax dak l-artiklu jittratta l-preżentazzjoni ta' "dokument falz ...", għax f'dan il-każ ma ġie ppreżentat l-ebda dokument. Is-Segretarju Parlamentari fir-risposta tiegħu kien qed jistrieħ fuq dak li ġie mgħoddi lilu fil-kapaċità uffiċjali tiegħu. Dan joħroġ ċar mill-istess risposta li ta l-Onor. Michael Farrugia meta ta indikazzjoni li l-persuna in kwestjoni, li hija s-suġġett ta' din id-domanda – il-ħaddiem li kien sospiż – kienet *on full pay* bejn is-16 ta' Ottubru 2003 u l-24 ta' Ġunju 2009. Dawn huma kollha indikazzjonijiet ta' dati li ġew mgħoddija lilu b'mod uffiċjali fil-kapaċità uffiċjali tiegħu u huwa kien qed jistrieħ fuq din l-informazzjoni. Jekk allura kif diġà kkwotat is-Sedja:

> "*Only where a member can be assumed to have personal knowledge rather than knowledge by way of his or her official capacity...can a presumption of intention to mislead arise*",

dan ma kienx il-każ għax l-Onor. Michael Farrugia kien qed jgħaddi l-informazzjoni li kellu fil-kapaċità uffiċjali tiegħu bħala Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Mill-eżami ta' dak kollu li ntqal m' hemmx dubju li l-persuna in kwestjoni kienet ilha għaddejja bil-proċeduri viċin l-għaxar snin u allura anke hawnhekk qed nitkellmu fuq informazzjoni li kienet korretta ħlief għal dettall. Dan kien dettall li ħareġ wara li l-Onor. Jason Azzopardi għamel l-istħarriġ tiegħu u kien diġà ta ħjiel tiegħu l-Onor. Manuel Mallia meta huwa stess għalaq ir-risposti għad-domandi supplimentari tal-Onor. David Agius u informa lill-Kamra b'dak li kien jaf miż-żmien meta huwa stess kien jipprattika fil-professjoni ta' avukat; fil-fatt qal hekk:

> "meta kont fil-professjoni naħseb li kont avukat jien. Wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni però li dan il-każ kien deċiż reċentement, imma jista' jkun ukoll li hemm iż-żmien tal-appell li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni."

Għalhekk, anke mill-informazzjoni li ta l-Ministru Mallia, jiġifieri illi l-persuna in kwestjoni fil-fatt kienet ġiet liberata reċentement, joħroġ ċar li m'hemmx *misleading of the House* jew inkella xi intenzjoni min-naħa tal-persuna li qed twieġeb - f'dan il-każ l-Onor. Michael Farrugia f'isem il-Prim Ministru - li tiżgwida lill-Kamra fuq informazzjoni jew fuq dettall li kien falz. Ma jirriżulta li hemm ebda informazzjoni li kienet falza. Il-kwestjoni kienet dwar persuna li għaddiet minn proċeduri u l-persuna kienet effettivament dik li kienet sospiża, l-istess persuna li kien qed jagħmel referenza għaliha l-Onor. Jason Azzopardi.

L-Erskine May, meta jittratta l-għoti ta' informazzjoni qarrieqa, jgħid illi din għandha tkun bil-ħsieb ċar li tqarraq bil-Kamra u allura hemmhekk ikun hemm att ta' nuqqas ta' qima lejn l-awtorità tal-Kamra. Fil-fatt nikkwota:

> *"The Commons may treat the act of making a deliberately misleading statement a contempt"*

Fil-każ in eżami ċertament li ma għandna l-ebda indikazzjoni, lanqas l-iċken ħjiel, illi l-Onor. Michael Farrugia bl-informazzjoni illi kien qed jagħti ried jagħmel "a *deliberately misleading statement"* lill-Kamra. Anzi, wara li wassal l-informazzjoni li kellu u ta risposti addizzjonali għad-domandi supplimentari li sarulu, fejn huwa ħass il-ħtieġa li ma setax ikompli jagħti l-informazzjoni għaliex ma kellux fuq xiex jibbaża r-risposta tiegħu, huwa stess talab illi ssir domanda bil-miktub mill-Onor. Membru, f'dan il-każ l-Onor. David Agius, li kien qed jagħmel id-domandi supplimentari.

Dwar il-kwestjoni ta' żvijar jew żgwidar tal-Kamra, fl-Erskine May, fil-paragrafu intitolat '*Misconduct of Members or officers*', taħt is-sottotitlu '*Members deliberately misleading the House*' insibu ċar illi trid toħroġ l-intenzjoni ċara illi l-Membru, ossija f'dan il-każ l-Onor. Michael Farrugia li kien qed jirrispondi f'isem il-Prim Ministru, kellu l-intenzjoni ċara li ried jimmiżlidja l-Kamra b'informazzjoni li ma kinitx ibbażata b'mod uffiċjali.

Għaldaqstant fil-każ in eżami jidher ċar li m'hemmx ir-rekwiżiti biex ikun hemm bażi ta' mill-inqas każ ta' *prima facie* każ ksur ta' privileġġ. Meta mbagħad nitkellmu fuq artiklu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, iċċitat mill-Onorevoli Jason Azzopardi, inkunu qed nitkellmu wkoll fuq pieni u meta mbagħad nirreferu għas-subinċiż (4) hemmhekk inkunu qed nidħlu fil-klassifikazzjoni ta' reati kontra dan l-Att, bħalma huwa r-reat taħt il-paragrafu (i), li ġġib

> "quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz"

- li hawnhekk mhux il-każ –

> "mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat".

Taħt dan l-artiklu jrid joħroġ ċar li biex persuna tiġi akkużata, il-persuna illi fil-konfront tagħha hemm il-possibbiltà ta' ksur ta' privileġġ ried kellha l-intenzjoni partikolari li tiżvija lill-Kamra.

Għaldaqstant huwa ċar illi wieħed irid jippresupponi li l-*mens rea,* jiġifieri l-intenzjoni deliberata illi l-persuna tiżvija, l-element tar-reat ikkontemplat fl-artiklu ġà ċitat 11 subinċiż (4)(i), ma tistax

tissustixxi mingħajr ma jkollok l-element essenzjali tal-intenzjoni, anke kieku t-tagħrif jew id-dokument mogħti lill-Kamra fih skorrettezzi li jistgħu jiżvijaw lill-Kamra. U dan qiegħed *in linea* mar-*ruling* diġà ċitat aktar qabel kif irrapportat fil-*Hansard and Journals* tal-Parlament ta' New Zealand, fuq *Points of Order - Privilege - Definition of Deliberately Misleading House, Questions for Written Answer - Ministerial Responsibility for Operation Matters,* seduta tas-26 ta' Marzu 2013 li huwa bbażat fuq il-*House of Commons practice*.

Għalhekk is-Sedja tikkonkludi illi għalkemm il-każ ippreżentat mill-Onor. Jason Azzopardi dwar ksur ta' privileġġ kellu jsir fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2013, preċiżament fil-mument fejn tkun ingħatat ir-risposta jew eżattament qabel ma jibda x-xogħol parlamentari wara l-ħin tal-mistoqsijiet, is-Sedja ħasset il-ħtieġa illi għall-korrettezza u anke biex ma jkun hemm l-ebda dubju dwar dak li seta' sar u dak li seta' wkoll jiġi interpretat, tidħol ukoll fil-kwestjoni dwar il-kontenut u jekk dan jistax iwassal għal każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ kif imqajjem mill-Onor. Jason Azzopardi, u tiddeċiedi billi tgħid illi ma hemm l-ebda każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Prim Ministru jew tal-Onor. Michael Farrugia, Segretarju Parlamentari, li dakinhar kien qed iwieġeb għan-nom tal-Prim Ministru d-domanda 889, fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2013.